**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U TLETIN 24ta' JANNAR, 2018**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attar, Dr Tiffany Ann Farrugia, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri ma setgħax jattendi għax jinsab imsiefer fuq studju.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **35.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 35.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **35.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 35.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-erbgħa u tletin –il seduta. |
| | | |
| ***35.3*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA / KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ/TAS-SOTTO KUMITAT TURIŻMU U KULTURA/ SOTTO KUMITAT ANZJANI*** |
| | | |
| | | |
| 35.3.1 | | Ma kienx hemm minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra x'jiġu approvati, minħabba li s-seduta intemmet illum stess. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Ġew approvati l-minuti tas-Sotto Kumitat Turiżmu u Kultura numru 14 u l-minuti tas-Sotto kumitat Anzjani. |
| | | |
| ***35.4*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI*** |
| | | |
| 35.4.1 | | Ma kienx hemm minuti x'jiġu approvati. |
| | | |
| | | |
| ***35.5*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 35.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti minn residenti:<br>• Biex Triq San David issir one way traffic, minħabba li hi dejqa wisq biex takkomoda traffiku two way.<br>Kien hemm qbil li jekk nirċievu firem mir-residenti li ssir li minn San David titla għall-Triq San Bartilmew – din tintbagħat għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.<br>• Biex issir roundabout miżbugħa mal-art fi Triq San Martin ma' Triq Matteolo Saliba, għax il-vetturi li jiġu minn Triq San Martin qed ikunu ta' periklu għs-sewwieqa li jkunu ġejjin minn Triq Matteolo Saliba.<br>Ma kienx hemm qbil għal roundabout – kien hemm qbil li jsir refresh tal-marki li hemm eżistenti.<br>• Biex tiġi nstallata CCTV fi Triq Fra Gan Marie Zammit minħabba li qed ikun hemm diversi vandaliżmi fuq il-vetturi.<br>Ma kienx hemm qbil fuq dan, għax kullimkien isiru l-vandaliżmu.<br>• Residenta minn Triq il-Warda qed titlob li ssir bollard vicin il-garaxx tagħha, anke lesta li tħallas għaliha hi, għax xi vetturi qed jiġu ipparkjati fuq il-bankina b'tali mod li qed jagħlqu l-aċċess tal-garaxx tagħha.<br>Is-Sindku qal li ma jaqbilx għax l-istess residenta qed tħalli l-vettura tagħha timblokka sqaq jew residenti oħra.<br>• Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed ikollha ħafna ilmenti li fi Sqaq il-Ħelu qed ikun hemm vetturi jipparkjaw bil-konsegwenza li meta residenti ġew bżonn ambulanza, din ma kellix aċċess għall-marid. Meta hi stess marret l-għassa tirrapporta, għax ir-residenti qalulha li meta jċemplu huma ħadd mill-pulizija ma jmur ineħħi l-vetturi, il-pulizija li kien preżenti, qal lis-Segretarju Eżekuttiv biex jikteb email lill-ispettur ħalli tiftaħ file. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kien hemm qbil li tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta biex l-isqaq jiġi No entry except loading and unloading.<br><br>• Kien hemm qbil li nibgħatu email lill-ispettur taż-Żurrieq bl-ilmenti li għandna u nesiġu biex tattendi għas-seduta li jmiss. Tali talba għandha tkun ikkupjata lill lill-Kummissarju tal-pulizjia u lill- Internal Affairs Department |
| | | |
| 35.5.2 | | Is-Sindku qal li l-attivita' tal-kunċert tal-Milied tal-orkestra tal-Kunsill, li saret fl-iskola kienet suċċess. |
| | | |
| 35.5.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li f'April, 2018 ser jagħlqu 4 tenders: **a.**Maintenance of traffic signs and road markings; **b.**Maintenance of Pavements, retaining walls and culvert works; **c.**Street Sweeping u **d.**Collection of mixed household waste.<br>Minn din is-sena għal kull tender il-Kunsill ikun irid jaħtar kumitat li jrid ikun magħmul minn Chairperson, Accountant u persuna professjonali fuq il-qasam.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv ssuġġeriet dawn il-persuni:<br>Tenders a u b – Chairperson is-Sur Chris Falzon, il-Perit William Lewis u l-Accountant is-Sinjura Doreen Calleja.<br>Tenders c u d – Chairperson is-Sur Kenneth Brincat, is-Sur Daniel Tabone u l-Accountant is-Sinjura Doreen Calleja.<br><br>Kien hemm qbil fuq l-accountant biss u l-persuni l-oħra jintgħażlu meta joqrob l-għeluq tat-tender.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li fuq it-tender tal-knies, jitniżżel li ż-Żurrieq kollu għandu jinkines darbtejn fil-ġimgħa u fit-toroq taċ-ċentru għandu jibqa' jinkines kuljum. Kien hemm qbil li fit-tender ikun hemm żewġ stimi – waħda li ż-Żurrieq kollu jinkines darba fil-ġimgħa u oħra li tinkines darbtejt fil-ġimgħa. U li jinġabru l-boroż tal-knis dak inhar stess.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li fuq it-tender tal-Ġbir tal-iskart, jitniżżel li l-ilmenti jridu jkunu riżolti fi żmien siegħa.<br><br>Kien hemm qbil li jitniżżel li l-ilmenti jridu jkunu riżolti fl-istess ġurnata li jitressaq l-ilment.<br><br>Kien hemm qbil li t-tenders jerġgħu jinħadmu mill-persuna imqabbda mill-Kunsill – is-Sur Svetlick Flores.<br><br>F'dan il-ħin il-kunsillier Tiffany Ann Farrugia ħarġet mis-seduta 19:45. |
| | | |
| 35.5.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ittra li l-Kunsill irċieva mingħand persuna li qed titlob l-approvazzjoni tal-Kunsill biex tinfetah triq li tibda minn triq Zakkarija Ronkali u tinfed għal Triq it-Torri. F'Dan il-ħin il-Kunsillier Jean Pierre Attard ħareġ mis-seduta minħabba konflitt ta' interess. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsill qal li ma jsibx oġġezzjoni li tali triq tinfetaħ.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ssuġġerixxa li l-ewwel triq ġdida li tinfetaħ għandha tkun imsemmija għall-ex sindku Tonina Farrugia.<br>Kien hemm qbil li tali isem jitniżżel fil-lista tal-ismijiet tat-toroq il-ġodda. |
| | | |
| 35.5.5 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li l-belt ta' Morphou li ż-Żurrieq hu ġemellat magħha qed titlob biex il-Kunsill isib post fejn jistgħu joqgħodu 10 studenti minn Morphou, waqt iż-żjara tagħhom f'Malta. Kien hemm qbil li noffrulhom it-trasport. |
| | | |
| ***35.6*** | | ***Ġieħ iż-Żurrieq – 1 ta' Ġunju, 2018 u<br>Festa Ħut – 3 ta' Ġunju, 2018*** |
| | | |
| 35.6.1 | | Is-Sindku ressaq id-dati ta' Ġieħ iż-Żurrieq u Festa Ħut.<br>Is-Sindku qal li nimxu man-nomini li tressqu fis-sena l-oħra u ma inżidux ma dawk li diġa daħlu. |
| | | |
| ***35.7*** | | ***Rapport Finanzjarju ta' kull kwart – Ottubru –Diċembru 2017*** |
| | | |
| 35.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-raba' rapport finanzjarju tal-aħħar kwart tas-sena 2017, imħejji mill-Accountant tal-Kunsill.<br>Dan ġie approvat biex jitressaq lid-dipartiment.<br>Kien hemm qbil li l-accountant tiġi fis-seduta li jmiss biex tispjega il-pużizzjoni finanzjarja tal-Kunsill. |
| | | |
| ***35.8*** | | ***Pjan ta' Ħidma 2018-2020*** |
| | | |
| 35.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-pjan ta' ħidma 2018 – 2020 imħejji minnha. Dan ġie approvat biex jitressaq lid-Dipartiment. |
| | | |
| | | |
| ***35.9*** | | ***Performance Bonus Appraisal Reports tal-Impjegati*** |
| | | |
| 35.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-performance appraisal reports tal-impjegati u ssuġġeriet li kull impjegat jieħu l-full bonus.<br>Kien hemm qbil unanimu fuq dan kollu. |
| | | |
| 35.9.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-impjegata s-Sinjura Sharon Bartolo laħqet l-ogħla notch tal-iskala 15 u għalhekk hi ssuġġeriet li l-Kunsill jaqbel u jtella lis-Sinjura Bartola fi skala 14. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 35.9.3 | | Is-Sindku ressaq il-performance appraisal report tas-Segretarju Eżekuttiv u ssuġġerixxa li tingħata l-ammont massimu tal-bonus, meta tikkunsidra x-xogħol li tati. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv tieħu l-massimu tal-bonus. Tali rapport għandu jitressaq għall-approvazzjoni tad-Dipartiment qabel jitħallas.<br><br>F'dan il-ħin is-Sindku u l-kunsillier Pierre Farrugia ħarġu mis-seduta – ħin 20.15. |
| | | |
| ***35.10*** | | ***Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri*** |
| | | |
| | | |
| | | |
| 35.10.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato xtaq jirringrazzja lill-Onorevoli Ministru Owen Bonnici u lill-Kunsillier Kenneth Farrugia tal-għajnuna li taw billi offrew ix-xogħol mill-unit tar-restawr għal-Mitħna tax-Xarolla. Tali xogħol inbeda f'din il-ġimgħa. |
| | | |
| 35.10.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'amato qal li hu flimkien mal-Kunsillier Jean Pierre Attard u s-Sur Sandro Bonanno membru tas-sotto kumitat kultura, kellhom laqgħa mal-Onorevoli Chris Agius fuq art mgħotija għall-pubbliku f'tal-Bebbux. Ġie ssuġġerit lilhom biex jitkellmu mal-Onorevoli Anton Deceliz Segretarju Parlamenti fuq l-anzjanita' attiva, għax hu l-persuna li trid tiddeċiedi jekk il-gvern hux interessat li joħloq dar għall-anzjani f'tal-Bebbux, fiż-Żurrieq. |
| | | |
| 35.10.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li wardens marru fi Triq San Ġorg fuq it-tumbata u taw iċ-ċitazzjonijiet. Hu ssuġġerixxa li jsiru parking bays.<br>Kien hemm qbil fuq dan |
| | | |
| 35.10.4 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Kunsill ta' Pedara ssuġġerixxa u laqa' t-talba tal-Kunsill biex l-orkestra titla tagħmel kunċert f'Pedara f' Awwissu. |
| | | |
| 35.10.5 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li fi żmien il-Milied isir armar fi Vjal il-Blue Grotto – bħal fustun u stilla bejn il-palm. Kien hemm qbil li tintalab stima tal-palm imdawwar b'rope light, stima għall-fustun tul it-triq kollha u stima biex issir siġra tal-milied f'Misraħ Mattia Preti.<br>Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>F'dan il-ħin is-Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsillier Pierre Farrugia ħarġu mis-seduta (ħin 20:20)<br><br>Il-Viċi Sindku Rita Grima kompliet tippresedi s-seduta. |
| | | |
| 35.10.6 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li hemm bżonn li titbiddel il-bandiera tal-entratura taż-Żurrieq. Hu ssuġġerixxa ukoll biex tiġi restawrata s-central strip tal-bebbux fi Triq il-Qrendi. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 35.10.7 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li kien hemm titjieb fuq is-servizz tal-kuntratt tal-ġonna u soft area mill-aħħar seduta s'issa. |
| | | |
| 35.10.8 | | Il-Kunsillier David Abdilla ssuġġerixxa li ssir sleeping policeman fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq il-Kunċizzjoni.<br>Kien hemm qbil li tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 35.10.9 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li l-Kunsill ta' Pedara bagħat il-kuntratt tal-ġemellaġġ b'xi tibdil fuq punti żgħar. Kien hemm qbil magħhom. |
| | | |
| 35.10.10 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li l-laqgħa li jmiss ta' IAPMC fuq il-paċi ser issir f'Abidjan f'nofs April. Kien hemm qbil li minħabba li l-Kunsillier David Abdilla hu membru fil-bord eżekuttiv tal-istess għaqda, għandu jattendi f'isem il-Kunsill taż-Żurrieq. |
| | | |
| 35.10.11 | | Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li persuna li għandha garaxx fi Sqaq no. 1 Triq il-Kbira, minħabba xi żball ta' periti ma jistax juża tali garaxx. Hu qed jipproponi li l-perit tal-Kunsill jitkellem mal-perit tal-individwu li hu Perit Marvin Sciberras u joffru soluzzjoni għal din il-problema.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 35.10.12 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li kien hemm korrispondenza biex rappreżentanza tal-Kunsill tmur fuq TVM biex titkellem fuq iż-Żurrieq u l-attivitajiet. Kien hemm qbil li l-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsillier Dino Bonnici jaċċettaw li jmorru fuq l-istazzjon. |
| | | |
| ***35.11*** | | ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 35.11.1 | | Dan l-item ġie mitkellem f'punti oħra preċedenti. |
| | | |
| | | |
| ***35.12*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 35.13.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' **€39,686.44**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-kunsilliera Jean Pierre Attard u Joseph D'Amato. |
| | | |
| ***35.13*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 35.13.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-21:15. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 21ta' Frar, 2018 fis-6.15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 21 ta' FRAR, 2018.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**